

Brussell, 22 ta' Mejju 2025  
(OR. en)

9305/25

POLCOM 100  
COMER 82  
UD 117  
COHOM 81  
DELECT 63

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Mejju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 3066 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'21.5.2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/125 dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pjeni krudili, inumani jew degradanti oħra

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 3066 final.

Mehmuż: C(2025) 3066 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 21.5.2025  
C(2025) 3066 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'21.5.2025**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/125 dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pjeni krudili, inumani jew degradanti oħra**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-objettiv tar-Regolament (UE) 2019/125 (“ir-Regolament”) dwar il-kummerç ta’ ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pjeni krudili, inumani jew degradanti oħra<sup>1</sup> huwa li jipprevjeni, f’pajjiżi barra l-UE, il-piena kapitali, minn naħa waħda, u t-tortura u trattament jew pjeni krudili, inumani jew degradanti oħra, min-naħa l-oħra.

Jiddistingwi bejn:

- oġġetti li huma abbużivi b’mod inerenti u li bl-ebda mod ma għandhom jiġu nnegożjati (l-Anness II); u

- oġġetti li jista’ jkollhom użi leġittimi, bħal tagħmir tal-infurzar tal-liġi (l-Anness III) u oġġetti għal użu terapewtiku (l-Anness IV).

Il-kummerç ta’ oġġetti elenkati fl-Annessi III u IV għandu jkun soġġett għal kontroll effettiv meta jiġu esportati mill-Unjoni Ewropea jew jgħaddu minnha jew jiġu kkonsenjati lil pajjiż terz bħala riżultat ta’ servizzi ta’ senserija jew assistenza teknika.

Ir-Regolament tfassal biex ikun “strument ħaġ”, li jinkorpora mekkaniżmi li jippermettu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, u lill-Kummissjoni jwieġbu b’mod kollettiv għall-bidliet fis-suq tas-sigurtà internazzjonali u fin-natura tal-użu u l-użu ħażin tat-tagħmir tal-infurzar tal-liġi, kif ukoll jikkunsidraw l-iżviluppi teknoloġiċi fil-kummerç.

Il-lista ta’ oġġetti deskritti fir-Regolament jeħtieġ li tibqa’ aġġornata sabiex twieġeb, minn naħa waħda, għall-bidliet fis-suq tas-sigurtà internazzjonali fejn l-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq qed iseħħu ta’ spiss u, min-naħa l-oħra, għall-bidliet fl-użu, u l-użu ħażin, tat-tagħmir tal-infurzar tal-liġi kif innutat fir-rapport ta’ rieżami tal-Kummissjoni tal-2020<sup>2</sup>. Biex jibqa’ adattat għall-iskop tiegħu, ir-Regolament jeħtieġ ukoll li jwieġeb għax-xejriet u l-isfidi emerġenti osservati f’dawn l-aħħar snin fir-rigward tat-tortura ekstrakustodjali u t-trattament ħażin fil-kuntest tar-repressjoni ta’ protesti paċifiċi. F’dawn l-aħħar snin, l-hekk imsejħa armi inqas letali, inklużi l-isprej tal-bżar, il-kanuni tal-ilma, u l-balal tal-gomma, regolament intużaw ħażin mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi f’xi pajjiżi biex irażżnu d-dissens u jsikkta d-dimostranti paċifiċi, bir-riżultat ikun għadd dejjem ikbar ta’ ċittadini li wegġġghu serjament jew inqatlu. Id-dimostranti f’xi partijiet tad-dinja qed ikunu dejjem aktar soġġetti għal użu eċċessiv, illegali jew mhux meħtieġ tal-forza<sup>3</sup>.

Il-lista attwali ta’ oġġetti ġiet aġġornata l-aħħar bir-Regolament (UE) 2016/2134 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Novembru 2016 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 dwar il-kummerç ta’ ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pjeni krudili, inumani jew degradanti oħra<sup>4</sup>.

Dan l-att delegat jippreżenta emendi fil-lista tal-oġġetti deskritti fl-Anness II u fl-Anness III. L-Anness II jinkludi oġġetti li ma għandhom *l-ebda użu Prattiku* ħlief għall-iskop tal-piena kapitali jew għall-fini ta’ tortura u trattament jew pjeni krudili, inumani jew degradanti oħra.

<sup>1</sup> ĠU L 30, 31.1.2019, p. 1. Billi ġie emendat diversi drabi, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 tas-27 ta’ Ġunju 2005 dwar il-kummerç ta’ ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pjeni krudili, inumani jew degradanti oħra (ĠU L 200, 30.7.2005, p. 1) ġie sussegwentement ikkodifikat bħala r-Regolament (UE) 2019/125.

<sup>2</sup> COM(2020) 343 final, 30.7.2020.

<sup>3</sup> <https://www.amnesty.org/en/latest/news/2022/07/protect-the-protest/>

<sup>4</sup> ĠU L 338, 13.12.2016, p. 1.

L-Anness III jinkludi l-oġġetti li *jistgħu* jintużaw għall-fini ta' tortura jew trattament jew piena krudili, inumana jew degradanti oħra:

l-oġġetti li huma primarjament użati għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi.

l-oġġetti li, meta jittieħdu f'kunsiderazzjoni d-disinn u l-karatteristiċi tekniċi tagħhom, jippreżentaw riskju materjali ta' użu għat-tortura jew għal trattamenti jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra.

L-att delegat jipprojbixxi armi, apparat u tagħmir li jxerrdu sustanzi kimiċi inkapaċitanti jew irritanti jew ċerti sustanzi relatati u munizzjon relatat li mhumiex adatti għall-użu mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex irażżnu lill-bnedmin jew għall-fini ta' kontroll tal-irvellijiet jew tal-awtoprotezzjoni. Barra minn hekk, l-att delegat jipprojbixxi oġġetti fejn hemm riskju għoli li jikkawżaw uġiġħ jew tbatija tant severa li *jistgħu* jammontaw għal tortura jew trattament jew piena krudili, inumana jew degradanti.

L-emendi jibnu primarjament fuq il-konklużjonijiet tar-rapport tal-Kummissjoni tal-2020 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-oġġetti<sup>5</sup>, il-ħidma tal-grupp informali ta' esperti tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tar-Regolament, ir-rapporti mir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar it-Tortura<sup>6</sup> u ta' organizzazzjonijiet involuti fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll l-istandards internazzjonali rilevanti f'dan il-qasam<sup>7</sup>. Pereżempju, ir-Regoli Standard Minimi tan-NU dwar it-Trattament tal-Priġunieri (riveduti fl-2015 u msemmija bħala r-Regoli Nelson Mandela) jipprojbixxu l-użu ta' strumenti ta' trażżin li huma intrinsikament degradanti jew ta' wġiġh peress li ma jissodisfaw l-ebda skop leġittimu ta' infurzar tal-liġi li ma jistax jinkiseb bi trażżin standard tal-idejn jew tar-riġlejn, li jispjegaw l-inklużjoni ta' ktajjen tal-gruppi fl-Anness II, għalkemm qabel kienu inklużi fl-Anness III.

## 2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

L-Artikolu 29(4) tar-Regolament jipprevedi li “qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>8</sup>.”

Il-premessa 46 tar-Regolament tipprevedi li “Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet”.

Barra minn hekk, il-premessa 48 tar-Regolament tipprevedi li “Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tikkonsulta l-grupp waqt li tħejji l-atti delegati, il-konsultazzjoni jenħtieġ li ssir fir-rispett tal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet”.

<sup>5</sup> COM(2020) 343 final, 30.7.2020.

<sup>6</sup> Ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar it-Tortura, “l-użu ekstrakustodjali tal-forza u l-projbizzjoni tat-tortura u trattament jew piena krudili, inumana jew degradanti oħra...”, Dok. tan-NU A/72/178, 20 ta' Lulju 2017: “Kwalunkwe użu ekstrakustodjali ta' forza li ma jsegwix għan legali (legalità), jew li mhuwiex meħtieġ għall-kisba ta' skop legali (neċessità), jew li jikkawża dannu eċċessiv meta mqabbel mal-għan imfittex (proporzjonalità) jikkontradixxi l-prinċipji legali internazzjonali stabbiliti li jirregolaw l-użu tal-forza minn uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u jammonta għal trattament jew piena krudili, inumana jew degradanti”.

<sup>7</sup> Ir-Regoli Standard Minimi tan-NU dwar it-Trattament tal-Priġunieri (ir-Regoli Nelson Mandela), OHCHR, Guidance on Less-Lethal Weapons in Law Enforcement (Gwida dwar Armi Inqas Letali fl-Infurzar tal-Liġi) jew il-Manwal tan-NU dwar l-Investigazzjoni Effettiva u d-Dokumentazzjoni ta' Tortura u ta' Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra (II-Protokoll ta' Istanbul).

<sup>8</sup> [ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.](#)

Saru konsultazzjonijiet estensivi li damu għaddejjin xhur mal-esperti tal-gvern tal-Istati Membri fit-tnejn ta' dan l-att delegat permezz tal-Grupp ta' Koordinazzjoni Kontra t-Tortura, inkluż f'laqgħat li saru fit-23 ta' Novembru 2023, fis-6 ta' Ġunju 2024 u fil-5 ta' Diċembru 2024.

L-abbozz tal-att delegat ġie ppubblikat għall-feedback mill-partijiet ikkonċernati bejn il-5 ta' Marzu 2025 u t-2 ta' April 2025.

B'kollox, il-Kummissjoni rċeviet sitt kontribuzzjonijiet, tlieta minnhom mingħand ċittadini privati, tnejn mingħand organizzazzjonijiet mhux governattivi u waħda mingħand kumpanija.

B'mod ġenerali, il-feedback li wasal kien pożittiv. Il-Kummissjoni nnutat il-kontribuzzjonijiet mingħand organizzazzjonijiet mhux governattivi li jesprimu appoġġ għall-inizjattiva tal-Kummissjoni kif ukoll is-suġġerimenti biex jissaħħaħ il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, li se jiġu esplorati matul ir-rapport li jmiss dwar ir-rieżami tar-Regolament kontra t-Tortura. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ħadet nota u indirizzat il-kummenti tal-kumpanija rigward punt fl-Anness III.

### **3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT**

L-Artikolu 24 tar-Regolament jipprevedi li “l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29, biex temenda l-Annessi I, II, III, IV, V, VI, VII, VIII u IX” tar-Regolament.

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'21.5.2025

### **li jemenda r-Regolament (UE) 2019/125 dwar il-kummerç ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/125 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 dwar il-kummerç ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra<sup>1</sup>, u b' mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 24 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont ir-Regolament 2019/125, kwalunkwe esportazzjoni, importazzjoni jew tranżitu ta' oġġetti elenkati fl-Anness II għandhom ikunu pprojbiti, irrispettivament mill-orijini ta' dawk l-oġġetti. L-Anness II jinkludi oġġetti li ma għandhom *l-ebda użu prattiku* ħlief għall-iskop tal-piena kapitali jew għall-fini ta' tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra.
- (2) Skont ir-Regolament (UE) 2019/125, għal kwalunkwe esportazzjoni tal-oġġetti elenkati fl-Anness III, għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni, irrispettivament mill-orijini ta' dawk l-oġġetti. L-Anness III jinkludi l-oġġetti li jistgħu jintużaw għall-fini ta' tortura jew trattament jew piena krudili, inumana jew degradanti oħra, jiġifieri oġġetti li primarjament jintużaw għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi, u oġġetti li, b'kont meħud tad-disinn u l-karatteristiċi tekniċi tagħhom, jippreżentaw riskju materjali ta' użu għat-tortura jew trattament jew piena krudili, inumana jew degradanti oħra.
- (3) Il-lista ta' oġġetti stabbilita fl-Anness II u III tar-Regolament (UE) 2019/125 jeħtieġ li tibqa' aġġornata b'reazzjoni għall-bidliet fis-suq tas-sigurtà internazzjonali fejn l-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq qed iseħħu ta' spiss u għal bidliet fl-użu, u l-użu ħażin, tat-tagħmir tal-infurzar tal-liġi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) 2019/125 jiġu emendati. Sabiex ikunu ffaċilitati r-referenzi għall-awtoritajiet kompetenti u għall-operaturi ekonomiċi, jenħtieġ li jiġu sostitwiti l-Annessi II u III ta' dak ir-Regolament.
- (4) L-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2019/125 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29 sabiex temenda l-Annessi tar-Regolament.
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/125 jiġi emendat kif xieraq.

---

<sup>1</sup> ĠU L 30, 31.1.2019, p. 1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/125 huwa sostitwit bit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

L-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/125 huwa sostitwit bit-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21.5.2025

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*